MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 926/2004

**De Mattos & Sullivan Limited**

**vs**

**Toys'N Kids**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Mejju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigt kkundannata thallas lill-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u erbghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm643.99) rappresentanti hlas ghal merkanzija mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 888/04, u Lm15 ghal konsult, kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data ta'l-ittra interpellatorja kontra s-socjeta konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u erbghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm643.99), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 888/04 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------